VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,304, 2 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 307 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(3) u 79(b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. - li ġew ippubblikati bħala Avviż Legali 102 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "r-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. In-numru tal-istudenti għandu jkun limitat għal disa' studenti Maltin u mill-Unjoni Ewropeja u tliet studenti minn pajjiż terz."

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. Jekk ikun hemm aktar minn disa' applikanti ta' nazzjonalità Maltija jew ta' stati tal-Unjoni Ewropeja oħra eliġibbli, l-aħjar disa' applikanti għandhom jintgħażlu mill-Bord tad-Dħul tal-Università, wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, skont il-kriterji għall-għażla kif speċifikati fir-regolament 7."

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi (3), (4), (5) u (6) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jsejjaħ għal intervista u / jew eżami lil mhux anqas minn 15-il applikant minn dawk li ġew fil-kategoriji għoljin, sakemm jekk applikant wieħed f'kategorija jissejjaħ għal intervista, l-applikanti kollha li jaqgħu fl-istess kategorija jissejħu wkoll. Il-Bord/Bordijiet tal-Intervisti għandhom ikunu magħmula mid-Dekan jew id-delegat tiegħu, tliet membri oħra maħtura mill-Bord, li wieħed minnhom għandu jkun minn barra l-Fakultà tal-Kirurġija Dentali.

(4) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jirriserva d-dritt li jagħmel it-tieni intervista jekk żewġ applikanti jew aktar jiġu fl-istess post matul l-ewwel intervista u jipprekludu l-għażla ta' disa' applikanti.

(5) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jpoġġi lill-applikanti f'ordni tal-mertu finali wara li jikkonsidra l-attitudni, il-motivazzjoni, l-abbiltà fil-komunikazzjoni u l-isfond akkademiku globali tagħhom. Il-Kumitat għandu jissottometti rapport dettaljat inkluż ir-rakkomandazzjonijiet finali dwar l-għażla tad-disa' applikanti lill-Bord tad-Dħul tal-Università. Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jista' jiġi mgħejjun minn esperti jekk iħoss il-ħtieġa waqt l-intervisti tal-għażla.

(6) It-tliet postijiet riservati għall-applikanti li huma ċittadini minn pajjiż terz skont ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jimtlew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li jista' l-ewwel jikkunsidra applikanti li jkunu rakkomandati skont ftehim li l-Università tista' tkun għamlet ma' istituzzjonijiet jew gvernijiet barranin."